**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa 6 ta’ Diċembru, 2017.**

**Talba Nru: 420/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Andreas Christopher Nassen**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-1 ta’ Settembru 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta’ attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta’ elf, mitejn u sebgħa u għoxrin Ewro, wieħed u tmenin ċenteżmu (€1,227.81ċ) in konnessjoni ma’ servizzi elettroniċi ta’ komunikazzjoni prestati lilu fuq il-kont bin-numru 40369936, wara li l-istess konvenut baqa’ ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Hija talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, flimkien mal-imgħax mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta’ attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta’ din il-kawża (Dok. A, fol. 4); (ii) kopja tal-kuntratti li s-soċjeta’ attriċi ffirmat mal-konvenut (Dok. B, fol. 5); u (iii) affidavit ta’ Charmaine Psaila Raji, *credit controller* tas-soċjeta’ attriċi li fih ikkonfermat li l-ammont mitlub huwa dovut mill-konvenut lis-soċjeta’ attriċi (Dok. C, fol. 6).

Ra li l-konvenut kien debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Sema' x-xiehda ta' Charmaine Psaila Raji, rappreżentanta tas-soċjeta' attriċi, li kkonfermat li l-konvenut baqagħlu jħallas lill-istess soċjeta' attriċi l-ammont mitlub b'din il-kawża, għas-servizzi indikati fl-Avviż tat-Talba.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf, mitejn u sebgħa u għoxrin Ewro, wieħed u tmenin ċenteżmu (€1,227.81ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**